MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Numru 927/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**CHARLO MANGION**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Charlo Mangion ta’ 28 sena bin George u Doris nee’ Portelli, imwieled Cospicua fit-30 ta’ Ottubru 1975 u joqghod St Mary, Carmel Street, Fgura. ID. 25276(M).

Billi huwa akkuzat talli:

1. Fil-31 ta’ Awwissu, 2002 xi hin wara nofs in nhar fil-Kalkara, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom accessorji tal-vetturi u ghodda minn fabbrika sitwata fil-limiti ta’ z-zona industrijali ta’ Ricasoli liem serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li huwa izjed minn mitt lira maltin izda ma jiskorrix l-elf lira maltin ghad-dannu ta’ Eric Bartoli;

2. U aktar talli fil-31 ta’ Awwissu 2002 u fix-xhur ta’ wara din id-data, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa li il-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin izda ma jaqbzux l-elf lira maltin, li gew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.
Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok CP3 u nnutat li l-imputat Charlo Mangion m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Charlo Mangion, liema tieni akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Charlo Mangion liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

F’dan l-stadju il-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni tax-xhud Vicky Scicluna rappresentant tas-Sedqa u prodotta mill-imputat li fis-Seduta tallum qalet illi: “Jiena qeghda hawnhekk in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa. Lil imputat Charlo Mangion prezenti fl-Awla nafu. Fil-fatt nghid ili nafu ghal dawn l-ahhar 8 snin. Nghid bhal issa l-imputat qieghed kors gewwa l-Kommunita ta’ Santa Marija. Ilu hemmhekk qieghed kors gewwa l-Kommunita ta’ Santa Marija. Ilu hemmhekk minn nofs Mejju. Din hija t-tieni darba li qed jaghmel dana l-programm u kien diga’ prova darb’ ohra. Nghid fl-ewwel okkazjoni l-ewwel kors huwa kien telaq pero’ nghid illi in kwantu ghal dana t-tieni kors li qed jipprova jaghmel naraw differenza, jidher li l-imputat huwa motivat. Nghid li dahal sew fl-istruttura tal-programm. Fil-fatt huwa qieghed japprezza hafna li ahna ergajna tajnih dana t-tieni cans. L-apprezzament ta’ dana jidher illi l-imputat Charlo Mangion qieghed jahdem hafna biex ikollu dan il-kors tieghu success u qieghed izomm sew mar-regolamenti bil-mod kif qed igib ruhu jidher li qieghed jinbidel. Prezentement nghid illi l-imputat ghandu programm imma ghandu prison sentence u qieghed jiskonta din is-sentenza u dana bil-permess tal-prison board.”

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 31, 261(b) u (c), 263, 267, 278(2), 279(a), 280(2), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Charlo Mangion, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u

tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak li xehdet fis-Seduta tallum ix-xhud Vicky Scicluna rappresentant tas-Sedqa u prodotta mill-imputat kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tikkundanna lill-imsemmi imputat Charlo Mangion ghall-piena komplessiva ta' tmien (8) xhur prigunerija.

Rigward ghat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Charlo Mangion liema tieni akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din it-tieni akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Charlo Mangion liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Charlo Mangion sabiex fi zmien tlett (3) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' mitejn u tlieta u hamsin Euro u seba' u hamsin centezmi ta' Euro (Euro235.57) bhala spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. RB1.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------